IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.1.2019
COM(2019) 2 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar ir-regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perjodu ta' mandat u matulu, previsti fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2017 u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, il-Prosekuturi Ewropej għandhom jinħatru għal terminu mhux rinnovabli ta' sitt snin. Dan il-mandat jista' jiġi estiż b'deċiżjoni tal-Kunsill għal massimu ta' tliet snin.

L-Artikolu 16(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 jistipula li kull tliet snin, terz tal-Prosekuturi Ewropej għandhom jiġu parzjalment sostitwiti. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, għandu jadotta r-regoli tranżizzjonali għall-ħatra ta' Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perjodu tal-mandat u matulu.

Din il-proposta tipprovdi għal regoli tranżizzjonali għas-sostituzzjoni parzjali tal-ewwel grupp ta' Prosekuturi Ewropej maħtura. Skont ir-regoli proposti, terz minn dawn il-Prosekuturi Ewropej għandhom iservu għal mandat ta' tliet snin, minflok il-perjodu normali ta' sitt snin tal-mandat stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/1939, u sussegwentement ikunu sostitwiti, sabiex ikun hemm konformità mar-regola dwar it-tiġdid parzjali stabbilita fl-Artikolu 16(4).

Sabiex tiġi żgurata sistema imparzjali, trasparenti u ġusta biex ikun determinat liema Prosekuturi Ewropej se jinħatru għal perjodu iqsar tal-ewwel mandat, huwa propost li tinħoloq sistema bbażata fuq it-tlugħ bil-polza. Din is-sistema se tiżgura li d-determinazzjoni tal-Prosekuturi Ewropej konċernati ma tkunx preġudikata, anke minħabba n-nazzjonalità tagħhom. Il-firxa ġeografika tal-Istati Membri fil-Kulleġġ UPPE hija żgurata permezz tal-preżenza kontinwa ta' Prosekutur Ewropew wieħed għal kull Stat Membru parteċipanti bħala parti mill-Kulleġġ UPPE, u bl-użu ta' sistema aleatorja li hija newtrali f'termini ġeografiċi. Dan huwa skont l-indikazzjoni tal-Premessa (42) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

Il-ħolqien ta' sistema bbażata fuq il-polza hija wkoll konsistenti ma' mekkaniżmi simili adottati f'oqsma ta' politika tal-UE oħra komparabbli[1].

Il-proposta tkompli tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita għat-tfassil tal-polozl, inkluż l-indikazzjoni tal-istituzzjonijiet responsabbli.

Dawn il-miżuri huma meħtieġa mir-Regolament (UE) 2017/1939 bħala kundizzjoni għat-twaqqif tal-Kulleġġ tal-UPPE.

[1] Ara pereżempju l-Artikolu 46(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea; ĠU L 236, 23.9. 2003, p. 47; L-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999, ĠU L 248, 18.9. 2013, p. 16.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika**

Din il-miżura ta' implimentazzjoni hi pass meħtieġ fil-proċess għall-istabbiliment tal-UPPE u hija għalhekk kompletament konformi ma' dispożizzjonijiet oħra eżistenti dwar dan il-qasam ta' politika. Il-Kummissjoni, meta tippreżenta din il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill qed tikkonforma mal-obbligu tagħha skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament tal-Kunsill 2017/1939. Din il-proposta se tippermetti l-istabbiliment ta' regoli tranżizzjonali xierqa relatati mal-ewwel mandat tal-Prosekuturi Ewropej.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konsistenti ma' politiki u ma' żviluppi leġiżlattivi oħra tal-Unjoni bl-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 291 TFUE flimkien mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, il-Kunsill irid jadotta regoli tranżizzjonali għall-ħatra ta' Prosekuturi Ewropej għal u matul l-ewwel perjodu tal-mandat. Azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija għalhekk meħtieġa minn dan ir-Regolament.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi proposti, u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija direttament marbuta mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 u hija essenzjali biex ikun żgurat li l-UPPE jiġi stabbilit f'qasir żmien.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Minħabba l-mira speċifika u n-natura limitata ta' din il-proposta, u l-fatt li din timplimenta l-obbligu impost fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, ma sarux evalwazzjonijiet *ex post*, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Ma hemm l-ebda implikazzjoni diretta fuq il-baġit b'rabta ma' din il-proposta; il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-kostijiet operazzjonali tal-UPPE se tkopri s-salarji u l-allowances tal-Prosekuturi Ewropej.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemmx bżonn ta' pjan ta' implimentazzjoni jew regoli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Il-proposta ma għandhiex bżonn ta' Dokumenti ta' Spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-objettivi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

L-Artikolu 2 jipprevedi proċedura għal sostituzzjoni parzjali tal-Prosekuturi Ewropej abbażi ta' tlugħ bil-polza. Il-paragrafu 1 jiddeskrivi r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939, fejn għandu jkun determinat grupp ta' Prosekuturi Ewropej magħmula minn terz tan-numru tal-Istati Membri parteċipanti meta jiġu applikati dawn ir-regoli tranżizzjonali. Il-paragrafu 2 jiċċara l-proċedura li għandha tiġi segwita jekk l-għadd ta' Membri parteċipanti meta jiġu applikati r-regoli tranżizzjonali ma jkunx diviżibbli bi tlieta. F'dan il-każ, l-għadd ta' Prosekuturi Ewropej li għandhom jkunu inklużi f'kull grupp għandu jkun imqarreb sal-ogħla numru sħiħ. Il-paragrafu 3 jagħti lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill il-kompitu li jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimenta din il-proċedura, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

L-Artikolu 3 jipprovdi li l-mandat mhux rinnovabbli tal-Prosekuturi Ewropej f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2 għandu jkun ta' tliet snin.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar ir-regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perjodu ta' mandat u matulu, previsti fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattatdwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, li l-Prosekuturi Ewropej jenħtieġ li jinħatru mill-Kunsill għal mandat mhux rinnovabbli ta' sitt snin, li jista' jiġi estiż għal massimu ta' tliet snin fi tmiem il-perjodu ta' sitt snin.

(2) Skont l-Artikolu 16(4), kull tliet snin jenħtieġ li jkun hemm sostituzzjoni parzjali ta' terz tal-Prosekuturi Ewropej. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, jenħtieġ li jadotta regoli tranżizzjonali għall-ħatra ta' Prosekuturi Ewropej matul l-ewwel perjodu tal-mandat.

(3) Dawn ir-regoli tranżizzjonali jenħtieġ li jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-prinċipju ta' sostituzzjoni perjodika għall-Prosekuturi Ewropej maħtura għall-ewwel darba fuq l-UPPE, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tal-Kulleġġ ta' Prosekuturi Ewropej. Fl-istess ħin jenħtieġ li jitqisu l-bżonnijiet speċjali tal-UPPE fl-ewwel snin wara t-twaqqif tagħha u fil-bidu tal-operazzjonijiet.

(4) Għal dawn il-finijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar it-tul ta' żmien ta' kariga tal-Prosekuturi Ewropej maħtura għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2017/1939.

(5) Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza sħiħa u l-imparzjalità fid-determinazzjoni ta' dawk tal-Prosekuturi Ewropej matul l-ewwel perjodu ta' mandat li l-mandat tagħhom se jkun ta' tliet snin minflok ta' sitt snin, jenħtieġ li tiġi segwita sistema bbażata fuq it-tlugħ bil-polza. Din is-sistema se tiżgura wkoll li l-għażla tal-Prosekuturi Ewropej li l-mandat tagħhom se jkun iqsar huwa newtrali f'termini ġeografiċi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli tranżizzjonali għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej għall-ewwel perjodu tal-mandat u matulu wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2017/1939.

[2] ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

Artikolu 2

1. Immedjatament wara l-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej, grupp ta' Prosekuturi Ewropej li jinkludi terz in-numru tal-Istati Membri parteċipanti meta jkunu applikati dawn ir-regoli tranżizzjonali għandhom ikunu determinati bit-tlugħ tal-polza.

2. Jekk in-numru ta' Membri parteċipanti meta jkunu applikati dawn ir-regoli tranżizzjonali ma jkunx diviżibbli bi tlieta, in-numru ta' Prosekuturi Ewropej li jrid jiġu inklużi fil-grupp għandu jkun aġġustat 'il fuq lejn l-eqreb u l-ogħla numru sħiħ.

3. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jimplimenta l-proċedura ta' tlugħ bil-polza, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.

Artikolu 3

Il-mandat tal-Prosekuturi Ewropej inklużi fil-grupp stabbilit skont l-Artikolu 2 għandu jkun ta' tliet snin. Il-ħatra ta' dawn il-Prosekuturi Ewropej ma għandhiex tkun rinnovabbli.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President